

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > [Ireland](#)

Imputati (proċeduri kriminali)

Il-kontenut ipprovdut minn
Irlanda

Irlanda



Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun suspettata jew tiġi akkużata b'delitt li jinstema' permezz ta' proċess quddiem qorti kriminali. Għal informazzjoni dwar reati minuri tat-traffiku fit-triq, li ġeneralment iġorru piena fissa bħal pereżempju multa, ara l-Iskeda Informattiva Nru 5. Jekk inti l-vittma ta' delitt, tista' ssib l-informazzjoni kompluta dwar id-drittijiet tiegħek hawnhekk.

Ħarsa fil-qosor lejn il-proċess kriminali

- L-[An Garda Síochána](#) għandhom għadd ta' poteri biex iwaqqfu persuna u jagħmlulha perkwiżizzjoni, kif ukoll poteri biex jarrestaw persuna jekk jemmnu li tkun wettqet reat jew li tkun qed twettaq reat li tiegħu tista' tiġi arrestata.
- Meta tkun fil-kustodja tal-Garda, membru tal-An Garda Síochána jispjegalek id-drittijiet tiegħek u dawn jinkludu d-dritt li tkellem avukat u tabib u d-dritt li jkollok interpretu preżenti jekk tkun teħtieġ wieħed. Hemm dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' tfal li jkunu miżmuma taħt kustodja li jistipulaw li għandu jkun hemm adult xieraq waqt l-interrogazzjonijiet.
- Jista' jkun li f'dan l-istadju tintalab biex tagħti l-kunsens tiegħek biex jittieħdu kampjuni għat-testijiet tad-DNA, biex jittieħdu il-marki tas-swaba', biex jittieħdu ritratt u/jew biex tipparteċipa fi skjerament ta' identifikazzjoni.
- Waqt l-investigazzjoni, membru tal-An Garda Síochána jista' jakkużak b'reat. Dan jista' jsir permezz ta' Att ta' Akkuża jew tista' tiġi nnotifikat b'taħrika biex tidher quddiem il-Qorti f'data partikolari. Il-Gardai jibagħtu fajl bid-dettalji tal-investigazzjoni lid-[Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika](#) li jiddeċiedi dwar jekk hemmx lok għal prosekuzzjoni min-naħa tal-Istat.
- Tista' tiġi rilaxxat immedjatament fuq garanzija ("Station Bail") bil-kundizzjoni li tidher quddiem il-Qorti jew jista' jkun li jkun meħtieġ li titlob garanzija quddiem il-[Qorti Distrettwali](#) fi stadju ulterjuri.
- Ir-reati minuri, magħrufa bħala 'reati sommarji' jinstemgħu quddiem il-Qorti Distrettwali. Ir-reati iktar serji jew ir-reati li jwasslu għal att ta' akkuża', jinstemgħu quddiem Imħallef u ġurija.
- Tul il-proċess ta' ġustizzja kriminali dejjem ikun hemm il-preżunzjoni tal-innoċenza fir-rigward tiegħek sakemm ma tiġix ippruvata l-ħtija.
- Għandek dritt għal parir legali. Jekk ma tiffaħx tħallas għal avukat, tista' tapplika biex tingħata l-[għajnuna legali](#).
- Jekk tingħata piena, inti tkun ġejt misjub ħati mir-reat mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Jekk tinstab ħati fil-Qorti Distrettwali għandek dritt ta' appell mill-piena jew mis-sentenza. Jekk tiġi lliberat, il-każ jispiċċa hemm u ma jistgħu jittieħdu l-ebda passi ulterjuri kontra tiegħek.
- Jekk tinstab ħati minn ġurija ta' reat li jwassal għal att ta' akkuża, m'hemmx dritt awtomatiku ta' appell u għandek tikkonsulta mal-avukati tiegħek dwar kif għandek tipproċedi.

Fl-iskedi informattivi għandek issib id-dettalji dwar dawn l-istadji kollha fil-proċess u dwar id-drittijiet tiegħek. Din l-informazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-parir legali u hija maħsuba biss biex isservi ta' gwida.

Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea

Jekk jogħġbok kun konxju li l-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda rwol fil-proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tassistik jekk ikollok xi lment. F'dawn l-iskedi informattivi għandek issib informazzjoni dwar kif għandek tressaq ilment u lil min għandek tindirizzah.

Agħfas fuq il-links ta' hawn taħt biex issib l-informazzjoni li teħtieġ

[1 - Kif tikseb parir legali](#)

[2 - Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt](#)

L-arrest

- L-interrogazzjoni u l-investigazzjoni tal-pulizija
- Il-perkwizzjonijiet
- L-ewwel smiġħ fil-qorti
- Il-tnejn għall-proċess quddiem il-qorti kriminali, jew eċċezzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali

[3 - Id-drittijiet tiegħi matul il-proċess quddiem il-qorti kriminali](#)

[4 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali](#)

[5 - Reati tat-traffiku fit-triq](#)

L-aħħar aġġornament: 18/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.